**Dik ħajtek sabiħa**

Insellmulek Marguerite tagħna
Tassew mara eżemplari,
Lill-familja tiegħek ħabbejt
Int don fin t'Alla tant rari.

B'liema mħabba ħabbejt l'żewġek
U liż-żewġ għeżież uliedek,
Kemm farraġthom u ħabbejthom
Bil-preżenza ħelwa tiegħek.

Int bħal fjura dejjem tfewwaħ
Li miegħek ġibt tant imħabba,
Niftakru fik kemm nistrieħu
Nieħdu kuraġġ w ħafna saħħa.

Int għallimtna waqt il-prova
Niggranfaw mat-twajjeb Ġesù,
Lejn inħarsu b'ħafna fidi
Għax fih insibu kull virtù.

Mara umli kemm tgħallimna
Li għandna nħobbu lill-Mulej,
F'idejH biss għandna nintelqu
Fiż-żmien t'issa u f'ta' li ġej.

Ħaditek il-ġenna l-Madonna
Minn tal-Karmnu lilha ħabbejt,
Lilna wkoll għentna nħobbuha
Bqajt magħha avolja batejt.

Issa strieħ O Marguerite oħtna
Il-ġenna kollha tistennik,
Idħol fl-hena ta' Missierek
Il-kbir Alla jitgħaxxaq bik.

U għandu biex għax int ġawhra
Kbira ħafna fik l-umiltà,
Int mara siekta w għaqlija
Dejjem taqdi bil-karità.

Tinsiniex hawn f'din id-dinja
Għalina itlob rebbieħa,
Fuq il-mewt l'għelibt ma' Kristu
Ibqa' għix b'dik ħajtek sabiħa.

Patri Mario Attard OFM Cap

27 t’Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.